MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 45/2014

**Mario u Mary Anne sive Marianne Sammut**

**vs**

**Maria Cortis f'isimha propju u in rappreżentanza ta' uliedha minuri Martina, Michela u Neil u Paul Cortis li gie kjamat in kawza b'digriet tad-9 ta' Lulju 2014, u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2014 gie rrevokat id-digriet tad-9 ta' Lulju 2014 fejn gie estromess il-kjamat in kawza Paul Cortis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi pprezentat nhar il-11 ta' Frar 2014 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta thallashom is-somma ta' disat elef, erba' mija u sebghin ewro (€9,470) salvi l-imghaxijiet, bhala bilanc minn somma akbar li kellu jaghtihom zewgha Brian Cortis bhala bejgh ta' prodotti agrikoli mir-rikorrenti lilu. Huma l-werrieta tieghu u ghalhekk ghandhom ihallsu dan id-dejn.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Maria Cortis proprio et nomine li giet ipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar is-26 ta' Mejju, 2014 fejn eccepiet:

1. *"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*
2. *Illi l-allegat bejgh ta' prodotti agrikoli sar kompletament ad insaputa tal-eccipjenti proprio et nomine u ghalhekk dwar il-mertu, inkluz preskrizzjoni jekk huwa l-kaz, tirriserva d-dritt ta' eccezzjonijiet ulterjuri.*
3. *Illi kull ezercizzju ta' kummerc li ezercita zewgha Brian Cortis dejjem kien bi shab ma' missieru Paul Cortis.*
4. *Illi ghalhekk it-talba kif formulata mhix ezatta billi ma tirrispekkjax ir-realta' tal-kummerc li seta' talvolta kien hemm bejn ir-rikorrenti, Brian u Paul Cortis.*
5. *Illi minhabba 'l fuq riferiti fatti, ikun opportun illi sabiex il-gudizzju jkun integru, jissejjah fil-kawza bhala ko-konvenut Paul Cortis ta' 162, Triq Gorg Borg Olivier, Rabat (Malta).*
6. *Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi."*

Rat l-affidavit tal-attur **Mario Sammut** li gie pprezentat fil-25 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara illi huwa jahdem bhala pitkal ghal rasu u jinsab armat il-Pitkali Ta' Qali. Huwa spjega li wiehed mill-klijenti tieghu kien certu Brian Cortis li dam klijent tieghu ghal xi ghoxrin sena. Huwa kien jixtri l-frott u l-haxix minghand l-attur biex jerga' jbieghu peress li kien bejjiegh tal-haxix. L-attur spjega li huma juzaw sistema li l-bejjiegha jmorru jixtru u l-*invoice* tohrog l-ghada mid-Dipartiment tal-Agrikoltura. L-ghada tal-bejgh jew wara, l-bejjiegh jara l-*invoice* u fuq din l-*invoice* l-attur johrog x'ikollu jithallas. L-attur spjega li fil-fatt l-*invoices* imorru ghandu u l-bejjiegh jiehu l-*invoices* tieghu u wara li jiccekkjahom suppost imur ihallas lill-APS Bank li huwa l-Bank li hu nkarigat li jiehu hsieb is-sistema tal-hlas.

L-attur tenna li fil-fatt Brian Cortis kien ha l-invoices li ghandhom x'jaqsmu max-xiri li kien ghamel minghandu izda ma marx ihallas fl-APS Bank u ghalhekk l-invoices kellu jhallashom l-attur stess biex ikun jista' jhallas il-bidwi. B'kollox Brian Cortis tella' dejn mal-attur ta' €11,674 li huwa qed jesebixxi dwarhom 35 invoice immarkati bhala MSP 1 sa 35. Brian Cortis kien qal lill-attur li kien ser jibda jaqtaghhom ftit ftit u fil-fatt bejn Mejju 2012 sa Frar 2013 ma bediex itella l-*invoice* tal-prodotti li kien qed jiehu. Fi Frar 2013 Brian Cortis miet.

L-attur spjega li l-ammont li baqghalhom jiehdu huwa ta' €9,470 peress illi mis-somma ta' €11,674 huma hadu s-somma ta' €2,204 minn Life Insurance li kien dawwar favur taghhom Brian Cortis u Maria Cortis ghal dejn iehor li kellu maghhom u li kien jammonta ghal €33,150 (Dok. MSP 36). Fuq din il-Life Policy kien zdied imghax ta' €2,204 u ghalhekk l-HSBC hallsu €35,353 (Dok. MSP 37) u ghalhekk is-surplus li ha ta' €2,204 huwa naqqashom mis-somma ta' €11,674 u b'hekk baqalu jiehu minghadn il-konvenuti s-somma ta' €9,470.

Huwa ddikjara li dawn ghadhom ma thallsux. Huma avvicinaw lil Maria Cortis li flimkien ma' wliedha kienu wirtu lil Brian Cortis. Filfatt Maria Cortis ammettiet dan id-dejn pero' qaltlu "*Trid tistenna*". L-attur stenna ftit u talabha biex tghidlu kif kienet ser thallsu u jiffirmaw kuntratt fejn jigi spjegat dan. Huwa kien lest li anke jahfrilha l-imghax u qalilha b'dan, pero' hi bdiet tiskarthom. Il-mara tieghu kienet iccemplilha fuq il-mobile izda ma bdietx tirrispondi. Sussegwentement cemplula darba b'numru privat u rrispondietu. Hija qaltlu li ser taghmel appuntament man-Nutar izda dan qatt ma sar u baqghet tghaddihom biz-zmien. L-attur sostna li ghalkemm bghatulha ittra ufficjali hija baqghet ma hallsitx u ghalhekk kellhom jifthu din il-kawza.

**Mario Sammut** xehed ukoll fil-25 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li b'zieda mal-affidavit li kien ghadu kemm ipprezenta, is-sistema taghhom hi illi l-invoice tigi f'idejn ix-xerrej l-ghada li jsir il-bejgh. Din hija s-sistema tad-Dipartiment tal-Agrikoltura mhux is-sistema taghhom personali. Suppost l-ghada x-xerrej imur ihallas skont din l-invoice li tohroglu u filfatt il-hlas isir l-APS bank. Naturalment una volta jmur l-APS biex jaghmel il-hlas, sussegwentement ikun hemm it-timbru fuq l-invoice li effettivament il-pagament ikun sar u hu ghalhekk li l-invoices ma jkunux iffirmati u dawk li ma jkollhom l-ebda timbru jew firma fuqhom tfisser li ghadhom pendenti, ma jkunx sar hlas fuqhom.

**Mario Sammut** rega' xehed l-10 ta' Gunju 2015 u spjega illi x-xoghol bejnu u bejn is-sinjur Brian Cortis kien ilu ghaddej xi ghoxrin sena. Mistoqsi jekk missier Brian Cortis, Paul kienx involut wiegeb illi kien jmur mieghu u sahansitra kien igorrlu xi affarijiet ukoll. Pero' n-negozji tieghu dejjem ghamilu ma' Brian. Jghid illi l-ghada li jsir il-bejgh, id-Dipartiment johrog invoice u l-*invoice* kien johrog f'isem Brian Cortis u in segwitu Brian jmur biex jiccekja l-*invoice* jekk kienx

regolari. Wara normalment imur ihallas lill-APS li kien inkarigat mis-sistema. L-invoice tinhareg mid-dipartiment mhux minnu u f'isem Brian Cortis.

Spjega li l-bidwi jgib il-prodott ghand il-pitkali, il-pitkali jahdem bhala *commissioner* ghaliex jaghmel il-bejgh u jiehu l-*commission* tieghu talli jkun biegh il-prodott li jkun gab il-bidwi lil terza persuna u f'dan il-kaz is-Sur Cortis kien xerrej, kien ibiegh il-haxix. B'dan infisser illi jixtri l-prodott li jkun gab il-bidwi. Huwa jithallas tal-*commission*, ihallas l-**invoices** li jkollu pendenti ta' kull xerrej. F'dan il-kaz ix-xerrej u cioe' Brian Cortis m'ghamilx il-pagamenti tieghu u kellu jaghmilhom hu ghan-nom tieghu. Ghalhekk din il-kawza qed issir ghal bilanc ta' flus dovuti lilu mix-xerrej Brian Cortis.

Rat l-affidavit ta' **MaryAnne sive' Marianne Sammut** li gie wkollipprezentat fil-25 ta' Gunju 2014 fejn iddikjarat li lil Brian Cortis hija ilha tafu s-snin bhala bejjiegh tal-haxix. Huwa kien imur jixtri l-frott u l-haxix mill-pitkalija li jmexxi zewgha Mario. Filfatt hu Brian huwa mpjegat mal-atturi u sahansitra anke marru t-tieg ta' Brian u tal-ahwa kollha.

Hija spjegat li Brian kellu jaghtihom hafna flus u meta miet kien ghad baqalu jaghtihom is-somma ta' €11,674 u dan hija tafu ghax hija tghin lil zewgha. Pero' qalet li qabel dan Brian Cortis kellu jaghithom somma flus ferm akbar pero' laqhqu haduhom mill-Life Insurance li kien dawwar fuq zewgha l-istess Brian Cortis. Filfatt ghal din il-Life Insurance kienet anke ffirmat martu Maria Cortis. Il-flus li huma qed jippretendu f'din il-kawza naqqsuhom ghal €9,470 peress li meta thallsu fuq il-Life Policy kienu hadu €2,204 li kien apprezzament tal-Life Insurance. Dwar dawn il-flus li ghad baqalu jhallas Brian Cortis hemm l-invoices

li pprezenthom zewgha Mario Sammut u hija taf bihom peress li tghin lil zewgha fix-xoghol.

Hija taf li Brian Cortis kien miet f'eta' zghira minn marda li hakmitu u martu kienet taf li jixtri bid-dejn tant li kienet iffirmat il-Life Insurance ghad-dejn li kellu qabel dan l-ammont li qed ifittxu f'din il-kawza. Spjegat li meta miet Brian kienet tisma lil zewgha jcempel lil Maria Cortis sabiex thallas id-dejn li kien halla zewgha. Fil-bidu hija qaltlu li riedet issolvi l-affarijiet ghax ma kienx hemm testment u ghalhekk stennew ftit. Meta n-Nutar kien ikklerjalha kollox Mario kien anke offrielha li thallas bil-mod anke minghajr imghax, purche' jaghmlu kollox bil-miktub ghand in-Nutar taghha. Il-konvenuta filfatt bdiet tghid li ser taghmel l-appuntament man-Nutar taghha izda dan l-appuntament ma sar qatt. Wara ma bdietx twiegeb il-mobile taghha. Filfatt iddikjarat li darba ghamlet gimgha ccemplilha kwazi kuljum u ma twegibx. Meta mbaghad zewgha Mario kien cemplilha b'numru privat hija wegbitu u qaltlu li kellha x'taghmel u ma kellhiex cans taghmel l-appuntament. Ghalhekk hija cemplet lin-Nutar tal-konvenuta u cioe' lil Dr Anthony Borg u qalilha li ma kienitx kellmitu.

Ix-xhud  sostniet li meta raw li l-konvenuta bdiet tiskartahom, huma kitbulha bl-avukat u flok resqet biex thallas hija wiegbet li jekk jibqghu jfittxuha hija kienet ser tfittixhom ghad-danni. Ghalhekk huma kellhom jifthu din il-kawza sabiex jiehdu flushom. Hija  taf illi l-konvenuta ghandha flus ghax apparti li hadet mill-Life Insurance hija bieghet bicca art u t-trakk ta' zewgha. Hija ddikjarat li huma qed jippretendu li jiehdu flushom.

**Anthony Camilleri** xehed fil-25 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa jaf lill-attur u jafu peress li ilu jahdem mieghu ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin sena. Mistoqsi jekk jafx min kien Brian Cortis wiegeb li jafu u dan peress li kien jmur jixtri x-xoghol minghandhom u cioe' mill-pitkalija fejn kien jahdem. Mistoqsi jekk huwa qattx bieghlu xi merkanzija wiegeb li iva filfatt gieli bieghlu xi prodotti u dan b'mod regolari. Effettivament kien imur ghandhom darbtejn fil-gimgha zgur u din ir-relazzjoni damet ghaddejja xi ghaxar snin zgur u filfatt gieli sema' lill-attur iheggeg lil Brian Cortis sabiex jaghmel il-pagamenti dovuti.

**Maria Cortis** xehdet fl-4 ta' Marzu 2015 fejn iddikjarat illi hija kienet mizzewga lil Brian Cortis pero' llum-il gurnata r-ragel taghha huwa mejjet u flimkien kellhom tlett itfal Martina, Michaela u Neil li ghadhom minuri. Hija kienet taf li r-ragel taghha kien jahdem pero' ezattament x'kien jaghmel ma kinitx tkun infurmata.

**Audrey Ghigo** xehdet fid-29 ta' April, 2015 in rapprezentanza tal-HSBC fejn qalet li giet mitluba sabiex taghti ricerka dwar kontijiet bankarji mizmuma minn Brian Cortis minn Jannar 2009 sa Dicembru 2013. Ix-xhud qalet illi dana kellu kont kurrenti f'ismu biss u dana bin-numru 058096215001 u dan il-kont gie maghluq fit-3 ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax u fih kien hemm flus u fit-30 ta' Awwissu 2013 kien hemm fil-kont 3.07 debit u dawn il-flejjes kienu gew depositati wara. Ix-xhud qieghda tesebixxi *statement* ta' dan il-kont li qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH. Ix-xhud kompliet tghid illi huwa kellu *savings account* bin-numru 058096215050 u dana kien jghajjat lilu biss u dan il-kont inghalaq fil-25 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax. Ix-xhud stqarret li fil-25 ta' Ottubru ta' dik l-istess sena ngibdu s-somma ta' tmintax-il elf mitejn u tnax point seventeen cents. Ma jirrizultalix minn min ingibdu pero' taf li ngibdu. Dawn id-dokumentazzjoni qed jigu mmarkati mill-Qorti bhala Dokument CSH1.

Ix-xhud tenniet li kien hemm kont bankarju f’isem ta’ Brian Cortis kongunt ma’ Mary Cortis u dana kien igib in-numru, dana kien *loan account* u n-numru kien 058107939300. Il-kont inghalaq fis-27 ta’ Novembru 2010. Ix-xhud esebit l-inkartament li qed jigi mmarkat bhala Dokument CSH2. Illum-il gurnata m’ghad hemm l-ebda kont pendenti rigward dan il-*loan*, li kien hemm *loan account* iehor f’ismu kif ukoll f’isem Maria Cortis u dan il-*loan* kien igib in-numru 058107939301 u dan inghalaq fis-17 ta’ Jannar tas-sena elfejn u tlettax. Ix-xhud esebit d-dokumentazzjoni relattiva li qed jigi mmarkat bhala Dokument CSH3, li kien hemm kont kurrenti f’isem Brian Cortis flimkien ma’ Maria Cortis u dana kien igib in-numru 058107939001 u dan inghalaq fl-24 ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlettax u fih kien hemm l-ammont ta’. Dakinhar stess kienet saret *withdrawal* ta’ one thousand and forty nine euros forty three euro cents. Din id-dokumentazzjoni qed tigi ezebita prezenzjalment u qed tigi mmarkata bhala Dokument CSH4.

Kien hemm ukoll kont *savings* fl-istess ismijiet Brian Cortis u Mary Cortis u dana kien kont savings numru 058107939050. Dana nghalaq fl-24 ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlettax u fih kien hemm l-ammont ta’ ninty seven euros one cent. Din id-dokumentazzjoni qed tigi mmarkata bhala Dokument CSH5. Ix-xhud kompliet tghid ukoll li kien hemm kont kurrenti f’isem Brian Cortis u Paul Cortis u dan huwa kont numru 058098617001. Dan ukoll inghalaq fl-istess jum tal-24 ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlettax u fih kien hemm l-ammont ta’ mija u wiehed u erbghin euro u dsatax-il euro centesmu. Din id-dokumentazzjoni giet immarkata bhala Dokument CSH6 u kkonfermat li din ir-ricerka li esebit tikkoncerna l-perjodu ta’bejn l-1 ta’ Jannar 2009 sa Dicembru 2013 u dana naturalment limitatament  dwar kontijiet bankarji.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2015 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu lill-konvenuta Maria Cortis f'isimha proprju u f'isem u l-uliedha minuri sabiex thallashom is-somma ta disat elef, erba' mija u sebghin ewro (€9,470) rapprezentanti din is-somma bilanc minn somma akbar li l-mejjet Brian Cortis (ir-ragel tal-konvenuta Maria Cortis) kellu jaghtihom in konnessjoni ma' xiri ta' prodotti mill-Pitkalija. Il-konvenuta Maria Cortis fl-ewwel lok eccepiet li hija ma kinitx taf bin-negozju ta' zewgha Brian Cortis u li in effetti n-negozju li ghamel zewgha kien isir ghad insaputa taghha u li in oltre n-negozju kien isir flimkien ma' missieru Paul Cortis tant li anke talbet il-kjamat in kawza ta' Paul Cortis.

Jinghad li proceduralment din il-Qorti b'digriet taghha tad-9 ta' Lulju 2014 kienet laqghet it-talba tal-konvenuta Maria Cortis sabiex ikun hemm il-kjamat in kawza ta' missier zewgha u cioe' ta' Paul Cortis (fol. 96) liema digriet pero' kien gie revokat fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2014 stante li l-konvenuta ma kienet ghamlet l-ebda tentattiv sabiex tinnotifika lil Paul Cortis bl-atti minkejja li kienu ghaddew erba' xhur (fol. 98). Illi ghalhekk hija biss l-eccezzjoni jekk hux minnu li l-konvenuta ma kinitx taf bl-ezistenza tan-negozju ta' zewgha. Jidher car li fl-ebda hin ma l-konvenuta kkonstestat il-quantum ta' dak li qed jigi mitlub.

L-avukat difensur tal-konvenuta fit-trattazzjoni tieghu fl-ewwel lok jghid li l-proceduri kienu monki u dan ghaliex l-atturi ma pprovawx li effettivament l-konvenuta Maria Cortis u wliedha kienu wirtu lil zewgha u missierhom. Jinghad li mill-provi akkweziti ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni dwar dan jew x'gie allegat f'xi hin li huma ma kienux accettew il-wirt in kwistjoni. Kieku dan kien il-kaz kien jispetta lill-istess konvenuta Maria Cortis sabiex tesebixxi n-nota ta' rinunzja taghha u ghalhekk tali difiza qed tigi rigettata minnufih.

Fit-tieni lok jirrizulta mill-atti li effettivament l-konvenuta Maria Cortis kienet taf bin-negozju ta' zewgha tant li kienet tghajjex tlett itfal mid-dhul li kien jaqla' mill-bejgh tal-hxejjex u prodotti simili u in oltre jirrizulta mill-affidavit ta' l-attur li Brian Cortis kellu xi *life insurance* u din kellha firmatarja taghha ukoll l-konvenuta Maria Cortis u giet imdawra a favur l-istess atturi sabiex jinheles parti mid-dejn li Brian Cortis kellu maghhom.

L-avukat difensur tal-konvenuta jghid ukoll li l-atturi messhom ipprezentaw *invoices* li jghajtu direttament lil Brian Cortis u mhux lil Mario Sammut. Jinghad li fuq kull invoice (vide Dok MSP 6 a fol 34 et seq) hemm indikat isem Brian Cortis apparti l-isem tal-attur.

Una volta l-attur jallega is-somma minnu citata fir-rikors promotur kienet u ghadha dovuta, l-oneru huwa fuqu li jipprova li l-hlas ma sarx. Il-konvenuta qed issostni illi una volta l-atturi ma ipprovawx li l-invoices ghadhom dovuti u dan ghaliex ma tharrek l-ebda ufficcjal mill-APS sabiex jikkonferma li l-hlas ma sarx

allura l-konvenuta m'ghandhiex tigu ikkundannata thallas dak mitlub fir-rikors promotur.

Illi principju bazilari fis-sistema legali taghna hi illi l-oneru tal-prova jispetta lil min jallega, u dan skond il-massimu Latin illi l-prova '*incubit ei qui dicit non ei qui negat*' li jfisser ukoll li mhux possibli illi ssir il-prova negattiva ta' fatt li ma sehhx. Filwaqt li hu minnu hu li l-atturi xehdu li ghandhom jiehdu minghand Brian Cortis l-ammont mitlub minnhom fir-rikors promotur u l-konvenuta ma cahdietx li dan l-ammont mhux dovut. Hu ovvju illi l-Qorti konfrontata b'dawn iz-zewg cirkostanzi konstrastanti kienet tesigi minghand min kien obbligat li jipprova l-hlas prova dokumentarja jew bankarja li effettivament il-hlas sar. L-attur nomine ma kien jehtieglu xejn aktar hlief li jipprova dak illi fil-fatt ipprova u cioe' il-kreditu tieghu. Pruvat dan l-oneru kollu tal-prova tal-hlas dovut kien jghaddi fuq debitur u kien jispetta lilu li jipprova b'mod univoku u konvincenti li l-hlas minnu sar. "**John Vella noe et vs Anthony sive Mario Anthony Vella** deciza nhar it-3 ta' Dicembru 1999 Qorti ta' l-Appell u **Desmond Mizzi nomine vs Patrick Filletti pro et nomine"** - A.C. 28 ta' Jannar 2000).

Illi jinghad li l-konvenuta qatt ma sostniet li l-pagament sar izda temmen li m'ghandhiex thallas ghaliex ma kinitx taf bin-negozju li kien ghaddej. Apparti li l-Qorti issibha difficli li temmen kif mara ma tafx x'negozju ghaddej ma' zewgha meta huwa zewgha li kien jipprovdi ghall-familja, meta kien imur il-Pitkalija ta' kuljum u xi drabi ma' missieru u in segwitu jbiegh il-prodott li kien jixtri u in oltre anke in vista tal-fatt li hija kienet iffirmat ghal trasferiment tal-Life Insurance ghal fuq l-istess atturi bhala parti mill-pretensjonijeit li huma kellhom kontra zewgha.

**Ghalhekk tali eccezzjonijiet tal-konvenuta qed tigi michuda u l-Qorti qed tilqa' it-talba ta' l-atturi b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma pretiza minnhom fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' disat elef, erba' mija u sebghin ewro (€9,470).**

**Bl-imghax dovut mid-data tan-notifika tar-rikors promotur u l-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------